**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Marcello Micallef ne.

*versus*

Kaptan Joseph Attard ne.

**Patrija Potestà — Minuri — Kapitali — Depożiti Bankarji — Żbank — Awtorizzazzjoni tal-Qorti — Art. 159 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi, il-missier jista' jdaħħal il-ħlas ta' kapitali li jkunu għalqu ta' ibnu minuri. Dan il-jedd il-liġi tagħtieh lill-missier "expressis verbis", u mingħajr ebda limitazzjoni, meta l-kapitali huma eżiġibbli; u għalhekk ma hix rilevanti fil-materja l-kwistjoni jekk l-inkass ta' dawn il-kapitali huwiex att li jeċċedi l-amministrazzjoni jew le; għax il-liġi tagħti lill-missier dan id-dritt, hi x'inhi n-natura tal-att tal-inkass, anki jekk huwa ultra-amministrattiv.*

*Xejn ma tiswa l-obbjezzjoni li l-missier jista' b'hekk jisperpera l-ġid ta' ibnu minuri; għaliex, se maj, dik l-obbjezzjoni għandha ssir lill-liġi, imma ma tistgħax tiswa biex tiżnaturaha, sakemm hi konċepita b'dawk it-termini.*

*Il-kelma "kapitali" fil-materja tikkomprendi d-depożiti bankarji; u għalhekk id-direttur ta' Bank ma jistgħax jirrifjuta lill-missier l-iżbank ta' kapitali, jew depożiti bankarji, eżistenti f'dak il-Bank fl-isem ta' minuri iben dak il-missier, avvolja l-missier ma jkollu ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti biex jagħmel dak l-iżbank.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' Marcello Micallef bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Maria Micallef, rivestit bid-drittijiet tal-patrija potestà, u bħala tali użufruttwarju tal-beni tal-istess Maria Micallef, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer

ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, kontra l-Kaptan Joseph Attard fil-kwalità tiegħu ta' Kummissarju għal Għawdex, li biha, peress li l-imsemmija Maria Micallef, bħala waħda mill-werrieta tan-nannu tagħha Joseph Xuereb, tippossjedi kapital ta' £141. 3. 7d depożitat fil-Government Savings Bank, Gozo (Deposit M.A. 752); u billi l-konvenut, mingħajr ebda raġuni tajba, qiegħed jirrifjuta li jippermetti l-iżbank tal-istess kapital lill-attur, ammenokkè dan ma jirriportax l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti (dok. A) — restrizzjoni din arbitrarjament imposta, billi l-attur fil-kwalitajiet premessi għandu d-dritt li jikkonsegwixxi inkondizzjonatament l-imsemmi kapital u l-imgħaxijiet relattivi; talab, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, u wara li tingħata d-dikjarazzjoni li l-attur għandu dritt jiżbanka l-ammont fuq imsemmi mingħajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti, li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma fuq indikata ta' £141. 3.7d, flimkien mal-imgħax konvenuti dekorsi sal-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u tal-imgħax legali li jiddekorru minn dik id-data sal-ġurnata tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru 1957;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, fejn qal li d-domanda tal-attur hija infondata, peress li d-depożitu in kwistjoni ma jistgħax jiġi kunsidrat bħala "Kapital li jkun għalaq" fis-sens tas-subartikolu (2) tal-art. 159 tal-Kodiċi Ċivili, u lanqas ma hu att ta' amministrazzjoni ordinarja; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Frar 1958 li biha ddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attur nomine, iżda, in vista tan-novità tal-kwistjoni nvoluta, ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u d-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs bejniethom; wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-patrija potestà fid-Dritt Ruman ma kienetx ħaġ'oħra ħlief id-dominju assolut tal-missier fuq il-familja, u l-missier kien jikkonċentra fih il-kapaċità ġuridika tal-familja; tant illi l-ulied ma kellhom ebda personalità, u

huwa kien jagħmel tiegħu dak kollu li uliedu kienu b'xi mod jakkwistaw. Il-patrija potestà, kif kienu jifmuha r-Rumani, "costituiva un potere a vantaggio esclusivo della famiglia, i cui membri non si consideravano come persone 'sui juris', bensì come cose che erano nel dominio del padrone. Oggi, invece, i figli hanno una personalità civile distinta da quella del padre; e l'autorità di costui non è già a suo vantaggio, ma nell'interesse stesso della famiglia, alla cui conservazione mira il diritto di patria potestà". Il-leġislazzjonijiet moderni jikkunsidraw lill-missier bħala l-protettur naturali tal-familja; iżda dan, kif huwa ovvju, ma jfisserx li l-missier ma għandu ebda drittijiet, diversament provveduti fil-Kodiċijiet ta' Stati differenti;

Illi l-art. 159 tal-Kodiċi Ċivili, qabel 160 tal-Ordinanza I tal-1873, jiddisponi:— "(1) Jekk fost il-ħwejjeġ li tagħhom il-missier ikollu l-amministrazzjoni ikun hemm ħwejjeġ mobbli minnhom innfishom, huwa jista' jittrasferihom biex jimpjega bi qliegħ il-prezz tagħhom; (2) hu jista' wkoll idaħħal il-ħlas ta' kapitali li jkunu għalqu; (3) iżda hu ma jistgħax jittrasferixxi jew jipoteka ħwejjeġ oħra ta' ibnu, lanqas jissellef għal ismu jew jagħmel obligazzjonijiet oħra li joħorġu mill-limiti ta' amministrazzjoni ordinarja, ħlief f'każ ta' bżonn jew ta' utilità ċara, u bis-setgħa mogħtija mill-Qorti;

Illi kif jidher mill-Annotazzjonijiet ta' Sir Adrian Dingli, li kkompila l-liġijiet ċivili tagħna, huwa kellu quddiemu, meta ddetta d-dispożizzjoni fuq riportata, l-art. 224 u 225 tal-Kodiċi Taljan, 291 tal-Kodiċi delle Due Sicilie, 96 tal-Kodiċi Parmensi, 103 tal-Kodiċi tal-Canton Ticino, 231 u 232 tal-Kodiċi Albertino, u 389 tal-Kodiċi Franċiż;

Illi l-art. 232 tal-Kodiċi Albertino jgħid hekk:— "Il padre rappresenta il figlio minore non emancipato in tutti gli atti civili. Egli non può però alienare nè obbligare od ipotecare i beni di cui avesse l'usufrutto o l'amministrazione, se non in caso di necessità od utilità dimostrata, e previo decreto del Tribunale di Prefettura del domicilio". Similment, l-art. 291 tal-Kodiċi delle Due Sicilie:— "Il padre durante il matrimonio è l'amministratore dei beni dei figli

minori. Con tale qualità egli potrà alienare i beni mobili, per impiegarne utilmente il prezzo";

Illi fil-Kodiċijiet fuq imsemmija, l-istess bħal fl-oħrajn kontinentali ndikati mill-leġislatur malti, ma tinstabx il-fakoltà eżistenti fil-liġi ċivili lokali dwar d-dritt tal-missier "li jdaħħal kapitali li jkunu għalqu". Dawk il-liġijiet, u speċjalment dik tad-Due Sicilie, isemmgħu biss li l-missier rivestit mill-patrija potestà jista' jbiegħ il-beni mobili ta' ibnu "per impiegarne utilmente il prezzo" — dispożizzjoni din identika għall-inċiż (1) tal-artikolu in eżami. U l-artikolu 225 tal-Kodiċi Ċivili Taljan jipparifika — kuntrarjament għall-leġislatur malti — ir-riskossjoni tal-kapitali mal-bejgħ ta' effetti mobili, fis-sens li jirrikjedi f'kull każ l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja — "per la riscossione dei capitali, o per la vendita di effetti mobili soggetti a deterioramento, basterà l'autorizzazione del pretore a condizione di nuovo impiego, la cui sicurezza sia riconosciuta dal pretore stesso";

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza "Salvatore Grima nomine vs. Bonaventura Vella", tat-23 ta' Frar 1885 (Vol. X, 740), irriteniet li "nell'articolo 160 dell'Ordinanza I del 1873 sono definite le facoltà che per effetto della patria potestà rispetto ai figli minori può il padre esercitare liberamente, e quelle per le quali si richiede, oltre la causa di necessità o di evidente utilità, anche l'autorizzazione della Corte. Detto articolo di legge, mentre specifica ciò che il padre può fare senza autorizzazione, cioè alienare mobili di loro natura per impiegarne utilmente il prezzo, e riscuotere capitali esigibili, e gli atti che non può fare senza la detta autorizzazione, vale a dire alienare o ipotecare altri beni del figlio e contrarre mutui a nome di lui, procede a designare anche come vietate altre obbligazioni eccedenti i limiti della semplice amministrazione, senza definire, però, quali siano le obbligazioni che cadono sotto questa ultima categoria, e quindi è alla Corte che appartiene secondo i casi un potere discrezionale onde determinare se un atto sia semplicemente amministrativo o no";

Konformi hija deċiżjoni aktar reċenti tat-2 ta' April

1949, mogħtija fil-kawża "Joseph Cost Chretien pr. et ne. vs. Vincent Cassar ne.":— "Il-liġi, fl-artikolu msemmi, tgħid x'attijiet jista' l-missier jagħmel dwar il-ħwejjeġ tat-tfal minuri bla ebda kondizzjoni u liberament, u dawk li ma jistgħax jagħmel liberament, iżda jkun jista' jagħmel kondizzjonatament. Għal dawn l-aħħar attijiet imsemmija, il-kondizzjonijiet sabiex il-missier ikun jista' jagħmilhom huma (a) il-każ ta' bżonn jew ta' utilità ċara, (b) l-ottteniment tal-awtorizzazzjoni jew setgħa tal-Qorti; f'liema każ il-liġi tinduċi li dawk l-attijiet joħorġu mill-limiti tal-amministrazzjoni ordinarja, u jispetta lill-Qorti, skond il-każi, tiddetermina. Għalkemm il-liġi ma tiddefinixxix liema huma dawk l-attijiet li joħorġu mill-ordinarja amministrazzjoni— sistema li adotta kważi dejjem il-leġislatur tagħna mħabba l-prinċipju li d-definizzjonijiet huma perikolużi — eppure huwa risaput fid-dottrina, u anki msemmi f'ċerti kodiċijiet kontinentali, li għandhom ikunu ritenuti li joħorġu mill-amministrazzjoni ordinarja dawk l-attijiet kollha li bihom jista' jiġi mnaqqas il-patrimonju tal-minuri, fosthom l-aljenazzjonijiet, ipoteki, rahanijiet, u self, u li, per konverso, ma jidħlux taħt dik il-klassifika dawk l-attijiet li jservu sabiex jiġu konservati d-drittijiet jew il-patrimonju tal-istess minuri" (Vol. XXXIII-II-366);

Illi fid-dottrina u fil-ġurisprudenza hemm opinjonijiet diskordi dwar jekk żbank ta' flus huwiex jew le att li jeċċedi s-sempliċi amministrazzjoni. Infatti, fid-Digesto Italiano (voce Patria Potestà, para. 210) jingħad li "da un punto di vista esclusivamente teorico la riscossione di un capitale appartenente al minore è da considerarsi come un atto di amministrazione semplice"; mentri l-Prim'Awla tal- Qorti Ċivili affermat, fis-sentenza "P.L. Benedict H. Dingli ne. vs. Joseph Mifsud Bonnici ne." tal-21 ta' Mejju 1953 (Vol. XXXVII-II-703), il-prinċipju illi l-iżbank ta' flus depożitati hu att li jeċċedi s-sempliċi amministrazzjoni;

Illi, però fil-ħsieb ta' din il-Qorti, ma hemmx bżonn li tiġi affrontata din il-kwistjoni, peress li, indipendentement jekk att simili huwiex sempliċement amministrattiv jew le, il-liġi "expressis verbis" tgħid li l-missier jista' jdaħħal il-

ħlas ta' kapitali li jkunu għalqu. Però ma jistgħax wieħed ma jsemmix hawn l-opinjoni tal-Giorgi (Obblig. Vol. III, 95):— "Eccederebbe la semplice amministrazione ogni contratto il quale contenga disposizioni attuali ovvero eventuali, non delle sole rendite, ma dei capitali o delle altre fonti di produzione";

Illi huwa indubitat illi "plus juris habet pater in bonis filii quam tutor in bonis pupilli"; u għalhekk, fuq l-iskorta ta' din ir-regola, il-liġi, fl-art. 216(1) tiddisponi espressament li t-tutur, mingħajr ma jkollu setgħa mill-Qorti, ma jistgħax idaħħal jew jittrasferixxi kapitali tal-minuri;

Illi mill-konfront tal-inċiż (2) tal-art. 159 fuq ċitat, fejn ebda menzjoni ma hemm tal-ħtieġa tas-setgħa tal-Qorti, mal-inċiż (3), li fil-każ minnu previst jirrikjedi dik l-awtorizzazzjoni, u mal-art. 216, jidher ċar li l-missier, "biex idaħħal il-kapitali li jkunu għalqu", ma għandux bżonn ta' prevja awtorizzazzjoni tat-Tribunal;

Illi d-Digesto Italiano (loc. ċit.) ikompli jikkommenta hekk:— "Sotto l'impero del Codice Sardo non fu posta in dubbio la facoltà del padre di riscuotere i capitali senza veruna autorizzazione. Il nostro codice, invece, preoccupato maggiormente della protezione non solo della persona, ma anche dei beni dei beni dei minori, ha sottoposto la riscossione dei capitali all'autorizzazone del pretore". Kif fuq rilevat, l-artikolu tal-liġi maltija ma jeżiġi ebda awtorizazzjoni, u kwindi ma jistgħax jingħad li l-liġi taljana u maltija huma għal kollox identiċi, għalkemm jixxiebħu ħafna. "Anche la legislazione maltese ha per base il Diritto Romano, e quindi non differisce gran fatto dalle altre dello stesso gruppo, avvicinandosi di molto al nostro codice" (Dig. It., ibid. para, 133);

Illi diġà ntqal li fil-Kodiċi Albertino ma jinsabx dispost li l-missier għandu l-jedd jinkassa kapitali spettanti lillminuri suġġett għall-patrija potestà tiegħu; u b'dana kollu, skond sentenza riportata mill-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civile, commento all'art. 224, no. 33), "vigente il Codice Albertino, il padre, quale amministratore dei beni

non avventizi dei figli minori, poteva riscuotere senza necessità di autorizzazione i capitali spettanti ai minorenni";

Ikkunsidrat;

Illi l-missier huwa bil-liġi stess l-użufruttwarju tal-beni tat-tfal minuri, u bħala tali għandu d-dritt jirċievi l-kapitali ta' dawn, peress li huwa għandu l-interess li jirrendihom aktar fruttiferi; salv id-dritt tal-istess uliedu għar-reża tal-kontijiet. L-użufrutt tal-missier jagħtieh l-istess drittijiet, jekk mhux iżjed, li għandu kwalunkwe użufruttwarju ieħor; u, kif jikteb Baudry-Lacantinerie (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. V, paġ. 185, para. 155), "il godimento od usufrutto dei beni del figlio è un diritto analogo a quello di usufrutto, e si devono dunque applicare, in linea generale, al diritto di godimento legale le regole generali che reggono l'usufrutto ordinario". Issa, ġie deċiż li "l'usufruttuario, immesso nel possesso del suo diritto, può riscuotere i capitali esigibili soggetti al suo usufrutto, senza il consenso del proprietario, se il suo diritto non è limitato dal titolo costitutivo" (P.A. 22. 3. 1897, "Concorso dei Creditori di Giovanni Farrugia". Vol. XVI-II-24);

Ikkunsidrat;

Illi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut nomine irrileva li bil-kliem "kapitali li jkunu għalqu" l-leġislatur ma riedx ifisser depożiti bankarji, imma ried unikament jirriferixxi għal somom ta' flus dovuti lill-minuri u li għandhom l-oriġini tagħhom minn debiti ipotekarji, debiti kummerċjali jew kirografarji, u oħrajn simili;

Illi jixraq, kwindi, li wieħed jeżamina u jaqta' x'inhi l-portata legali tal-imsemmija kliem, li fit-test oriġinali taljan kienu "può ancora riscuotere capitali esigibili";

Illi kontra s-sinifikat ristrett li lill-kelma "kapital" irid jattribwixxi l-konvenut jimmilitaw diversi raġunijiet. Il-kelma "de qua" tirrikorri f'diversi dispożizzjonijiet oħra tal-istess Kodiċi Ċivili, fejn huwa evidentement illoġiku li tiġi nterpretata biss bil-mod limitat fuq indikat. Infatti, fost l-

atti li t-tifel li għandu tmientax (18), iżda anqas minn wieħed u għoxrin (21) sena, ma jistgħax jagħmel skond l-art. 174, hemm dak li jdaħħal kapitali mhux akkwistati b'industrija proprja u jagħti riċevuta tagħhom. It-tifel, huwa evidenti, jista' jkollu mhux biss krediti, iżda wkoll flus fil-Banek, li l-ħlas tagħhom jeħtieġ li jirriżulta minn riċevuta. Hekk ukoll, fl-art. 425 jingħad li "l'użufrutt ta' renta jew ta' kreditu ma jispiċċax bir-radd tal-kapital; l-użufruttwarju jista' jimpjega mill-ġdid dan il-kapital, jew, skond il-każ, jitlob li jerġa jiġi mpjegat bi profitt għalieh". Minn liema dispożizzjoni jiġi faċilment deżunt li fil-ħsieb tal-leġislatur il-kelma "kapital" tfisser kwalunkwe ħaġa li tipproduċi jew tista' tipproduċi frutti";

Illi, inoltre, fl-art. 765(b) il-liġi tadopera l-frażi "kapitali jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet"; u kif għallmet il-Prim'Awla Ċivili fis-sentenza "Carabott utrinque", tad-29 ta' Novembru 1947 (Vol. XXXIII-II-142), in forza tar-regola interpretattiva tal-"ejusdem generis", il-kapital, biex ikun tali, irid ikun fruttiferu, apparti li l-kelma "kapital", weħedha, kompliet tafferma dik il-Qorti, għad-differenza tal-kelma "somma", għandha tfisser somma mpjegata bil-lukri. U l-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fis-sentenza "Vincenza Cassar vs. Herbert Hare ne.", mogħtija fid-19 ta' Novembru 1923 (Vol. XXV-I-659). wara li rribadiet il-prinċipju li l-użufruttwarju għandu dritt li jeżiġi kapitali, ikkunsidrat li taħt din id-denominazzjoni huwa kompriż depożitu ta' flus f'Banek, kif wieħed jista' jara minn dan il-bran:— "Atteso che esso convenuto ha opposto in primo luogo l'intempestività dell'azione . . . . , mentre il deposito di cui l'attrice chiede lo sbanco era vincolato per un anno . . . . . ed in secondo luogo che l'attrice non è stata immessa nel possesso del legato di usufrutto dagli eredi, e quindi esso convenuto ha rilevato essere necessario il consenso degli eredi perchè l'attrice possa conseguire il detto 'capitale' di cui ella è usufruttuaria";

Illi fl-istess mod, u ċjoè li d-depożiti bankarji huma ritenuti bħala kapitali, hija s-sentenza fuq ċitata tat-22 ta' Marzu, 1879, u l-oħra fl-ismijiet "Abdilla vs. Mercieca" tat-18 ta' Mejju 1894 (Vol. XVI, 284);

Illi mhux konċepibbli li l-leġislatur f'xi każi ried jifhem bil-kelma "kapital" ħaġa, u f'oħrajn jifhem ħaġa diversa; għaliex, kif jgħid Sir Alison Russell fil-ktieb tiegħu "Legislative Drafting and Forms", paġ. 4, "a golden rule for drafting is to keep to the same expressions throughout an ordinance . . . . . It is a sound rule of construction to give the same meaning to the same words occurring in different parts of an ordinance . . . . . Different words should never be used to describe the same thing . . . . . ";

Illi l-kelma "kapital" hija komprensiva ħafna, u tinkludi kull xorta ta' proprjetà; tant li fil-Wharton's Law Lexicon (1938 edition) hija definita "the 'corpus' of property of any description, which may or may not be the source of a periodical or other return (fructus, produce or income);

Illi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Torin taż-17 ta' Ġunju 1866, ċitata mir-Ricci, jidher ċar li s-sinifikat li għandu jiġi mogħti lill-kelma in eżami ma jistgħax jiġi ristrett fis-sens pretiż mill-konvenut. Infatti, dik is-sentenza qalet li "l'articolo 225, in cui si prescrive l'autorizzazione del pretore, parla di capitali da reimpiegarsi in modo sicuro, e così di capitali che debbono rimanere vivi ed intatti, laddove il versarli in pagamento di debiti, per quanto possa in definitiva essere conveniente, è una vera alienazione estintiva dello stesso capitale";

Illi l-konvenut nomine rrileva wkoll illi f'każ ta' trasferiment ta' stabili appartenenti lill-minuri, magħmul mill-missier wara debita awtorizzazzjoni, il-Qorti kompetenti tordna d-depożitu tar-rikavat mill-bejgħ, bil-kondizzjoni li l-ammont depożitat ma jkunx ritirabbli jekk mhux b'awtorizzazzjoni oħra. Din is-sottomissjoni ma għandha ebda valur, peress li fil-każ prospettat id-depożitu jkun vinkolat, b'mod li l-kondizzjoni apposta tirrendieh ineżiġibbli, mentri l-art. 159 jirrigwarda kapitali eżiġibbli jew li jkunu għalqu;

Illi huwa veru li l-missier jista', bir-ritir tal-kapitali, jisperpera l-patrimonju tal-minuri; iżda għal din l-eventwalità l-liġi ħasbet bid-dispożizzjonijiet tal-art. 168 u

181(4) tal-Kodiċi Ċivili, fejn ipprevediet li l-missier, li jamministra ħażin il-beni ta' wliedu, jista' jiġi privat, interament jew in parti, tant mill-użufrutt kemm mid-drittijiet tal-patrija potestà. U għal dan ir-rigward, ir-Ricci (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol. I, P. II, paġ. 240, para. 159), jikteb:— "Il padre può certamente, come ogni altro, abusare dell'amministrazione in danno del figlio . . . ma la legge degli uomini, che è fatta per la generalità dei casi, deve certamente evitare la generalità del male, nè si può pretendere che essa eviti assolutamente qualsiasi male. Il padre, nel caso, sarà responsabile verso il figlio dell'atto arbitrario da lui commesso; e se tale responsabilità sarà nel caso pratico di minor giovamento al figlio, per non avere il genitore beni propri con cui rispondere, non può farsene rimprovero alla legge, la quale non può, in contemplazione di qualche caso che può verificarsi di pregiudizio al figlio, esautorare in massima l'autorità paterna, riducendola ad un semplice ufficio di tutore";

Illi kienet appuntu din ir-responsabilità tal-missier li fformat il-meritu tal-kawża "Giuseppe Farrugia ne. vs. Capitan Francesco Farrugia pr. et ne.", deċiża fit-3 ta' Jannar 1871 (Vol. V, 466-468); u fiha ġie sanċit il-prinċipju li "il padre è tenuto di rendere i conti della amministrazione da lui tenuta dei beni spettanti al figlio minorenne, quando questi è divenuto maggiore ed emancipato, ed a consegnargli i beni, dopo fatta la deduzione di quanto gli spetta secondo la legge. Egli è responsabile delle speculazioni azzardose per le quali resta determinata la condizione dello stesso figlio. Anki f'dik is-sentenza, oltre li minnha jiġi deżunt li somom ta' flus jistgħu jiġu klassifikati bħala kapitali, jingħad ukoll li l-poter tal-missier huwa limitat "all'impiego utile del capitale, e non può eccedere i limiti di una semplice amministrazione, se non per necessità od evidente utilità mediante la autorizzazione della Corte". Fi kliem ieħor, dik il-Qorti ma nvestietx il-kwistjoni jekk depożiti bankarji humiex jew le kapitali, imma biss iddeċidiet li l-missier huwa liberu li jimpjega kif irid il-kapitali tal-minuri, b'dan però li, jekk bihom jagħmel spekulazzjonijiet azzardati bla setgħa tal-Qorti, huwa tenut jirrispondi eventwal-

ment quddiem ihau meta jsir ir-rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu;

Illi, għar-raġunijiet premessi, mhux possibbli, fil-fehma tal-Qorti, li ssir id-distinzjoni limitattiva pretiża mill-konvenut għall-portata tal-kliem in diskussjoni; għaliex diversament l-istess, kif osservat is-sentenza "Dr. Edoardo Vassallo ne. vs. Edgar Staines ne." (App. 13. 7. 42, Vol. XXXI-I-240), tkun qegħedha ssir korrezzjoni fill-liġi — ħaġa li, kieku l-leġislatur ried, seta' jagħmel huwa stess meta irriordina s-sistema tal-patrija potestà per mezz tal-Ordinanza I tal-1873;

Illi ebda obbjezzjoni ma saret da parti tal-konvenut nomine li l-kapital imsemmi fiċ-ċitazzjoni mhuwiex eżiġibbli; u tabilħaqq, dan hu depożitu f'kont korrent fil-Bank tal-Gvern, Gozo, u bħala tali jista' jiġi rtirat minn min għandu dritt għalih kull meta jrid;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut nomine, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Tagħha Superjuri bħala Qorti Ċivili fl-ismijiet imsemmija fit-12 ta Frar 1958, billi l-istess sentenza tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talba tal-attur, u jiġi minflok deċiż għaċ-ċaħda tal-istess talba, u billi l-istess sentenza tiġi revokata in kwantu kkundannat l-esponent iħallas sehemu mill-ispejjeż u nofs id-dritt tar-Reġistru, u tiġi konfermata in kwantu kkundannat l-attur iħallas sehemu mill-ispejjeż u nofs id-dritt tar-Reġistru, billi jiġi deċiż minflok illi l-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur appellat;

Rat ir-risposta tal-attur nomine, li biha qal li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 159(2) tal-Kap. 23 Ediz. Riv., il-missier

jista' jdaħħal il-ħlas ta' kapitali (tal-minuri) li jkunu għalqu;

Il-kwistjoni jekk l-inkass ta' kapitali huwiex att li jeċċedi amministrazzjoni jew le ma hix rilevanti; għaliex il-liġi tagħti "expressis verbis" lill-missier il-jedd bla ebda limitazzjoni li jinkassa l-kapitali eżiġibbli, hi x'inhi n-natura ta' dan l-att, anki jekk ultra-amministrattiv; mentri fil-każ tat-tutur qalet (art. *216 ibidem*) li dan ma jistgħax idaħħal kapitali tal-minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

L-obbjezzjoni *li l-missier jista' b'hekk jisperpera l-ġid* tal-minuri lanqas jista' jkollha ebda forza; għaliex dik, se *maj*, hi obbjezzjoni li għandha ssir lill-liġi, imma ma tistgħax tiswa biex tiżnaturaha, sakemm hi konċepita f'dawk it-termini. Il-leġislatur malti, forsi anki għad-differenza ta' kodiċijiet oħra, ried jagħti fiduċja lill-missier minħabba l-vinkolu strettissimu ta' konsangwineità, u ppreżuma, *mhux* bit-tort, skond l-"id quod plerumque accidit", li l-missier jagħmel dak li hu ta' ġid għal uliedu;

Il-liġi kkonċediet lill-missier il-fakoltà tar-riskossjoni tal-kapitali "eżiġibbli". Kien naturali li jkun hekk, sabiex ma jkunx hemm kwistjonijiet dwar l-iskadenza li fihom jiġi nvolut il-minorenni. Il-liġi riedet tikkontempla l-każ l-aktar pjan;

L-appellant nomine ssottometta li l-kelma "kapitali" ma hix tali li tikkomprendi depożiti bankarji. Ma hemm ebda kelma limitattiva fid-dispożizzjoni in kommento. Il-kliem għandhom jittieħdu fis-sens tagħhom *ordinarju*, meta ma hemmx raġunijiet in kuntrarju. Il-kelma "capitale", użata oriġinarjament fit-test taljan tal-liġi, fis-sens ordinarju tagħha tfisser somma ta' flus li tirrendi jew tista' tirrendi frott. Dan is-sens hu komprensiv ta' depożitu f'Bank;

Lanqas ma tista' tiġi argumentata ebda limitazzjoni, kif ippretenda l-appellant, mill-kelma "riscuotere" li kien hemm fit-test antik; għax is-sens ordinarju ta' dik il-kelma

hu dak ta' "ricevere, prendere, ritirare, esigere, percepire" — ekwivalenti li jaqblu ma' l-iżbank ta' depożitu bankarju;

Ebda sussidju favur l-appellant ma jista' jiġi mill-liġijiet kontinentali u mill-kummenti dwarhom; se maj, l-uniku riljev li jista' jsir hu dak li l-fatt li Sir Adrian Dingli, redattur tal-liġi, non ostante li kellu quddiemu, kif jidher mil-Annotazzjonijiet tiegħu, testi esteri li fihom ma kienx hemm din il-fakoltà, b'dan kollu kkonċeda dik il-fakoltà lill-missier, juri li l-kliem tad-dispożizzjoni ma għandhomx isofru ebda interpretazzjoni restrittiva, u li ma għandhiex bl-ebda mod tiġi newtralizzata l-volontà tal-leġislatur, li volutament ma segwiex dawk it-testi l-oħra fuq dan il-pont;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant nomine; dawk tal-ewwel istanza jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Għawdex, Superjuri Ċivili, bħala Qorti tat-Tieni Istanza, adita dwarhom bil-petizzjoni fol. 29, fil-limiti ta' dak l-appell.